**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 28 ta' Mejju, 2025**

Numru 11

**Appell Nru. 89/2024**

**Road Maintenance Services Limited**

**vs**

**L-Awtorita’ tal-Ambjent u r-Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Road Maintenance Services Limited tat-23 ta’ Dicembru 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta’ Dicembru 2024 li biha ikkonferma l-impozizzjoni ta’ multa amministrattiva ta’ €37,500 rigward ’interventi li jikkonsistu fil-qerda totali ta’ zewg sigar protetti: Zafzafa zghira (salix pedicellata) u Zafzafa l-bajda (salix alba s.1.) minghajr il-permessi mehtiega mill-Awtorita dwar l-Ambjent u r-Rizorsi u allura bi ksur tar-regolamenti 13 u 14 tar-Regolamenti dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar (A.L. 258 tal-2018)’, fl-Imgarr;

Rat ir-risposta tal-ERA li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud ghar-ragunijiet moghtija minnha;

Rat ir-risposta ta' Infrastructure Malta li wkoll issottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u d-dikjarazzjoni tad-difensuri li ma kellhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell ġie ntavolat kontra deċiżjoni tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar multa amministrattiva b'valur ta' €37,500 in konnessjoni mal-qerda totali ta' żewġ sigriet protetti - Żafżafa żgħira (Salix pedicellate) u Żafżafa l-bajda (Salix alba s.l.) mingħajr permess fi Triq l-Imġarr l-Imġarr, bi ksur tar-Regolamenti 13 u 14 dwar l-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar tal-A.L. 258 tal-2018.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellanti qeghdin iressqu s-segwenti aggravji:
1. Illi l-Bord ma applikax il-liġi b'mod korrett u ma ħax in konsiderazzjoni ta' min kienet rresponsabbilita' li jottjeni kwalsiasi permess li seta' kien neċċessarju, u tikkontesta li ma kinitx lobbligu tal-kuntrattur li jottjeni l-permessi neċċessarji u li din hija unikament esklussivament responsabbilita' ta' Infrastructure Malta (IM). L-ERA nnotat illi s-soċjeta' appellanti kienet qed twettaq xogħolijiet fil-viċinanza u sejjħet lilhom sabiex tirrispondi għall-allegat nuqqas meta r-responsabbilita' hija waħda ben stabbilita u li taqa taħt l-IM.
Illi apparti minn hekk jinsitu illi l-Bord li sema` l-petizzjoni naqas ukoll milli jieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi s-soċjeta' appellatni qua kuntrattur kienet qiegħda taġixxi entro t-termini tal-kuntratt viġenti bejn l-partijiet. Min dan joħroġ illi l-kunrattur ikun qiegħed jaġixxi fuq struzzjonijiet ta' IM u li din hija obligazzjoni kontrattwali. Huwa mportanti li jiġi nnutat illi ma kien hemm bżonn ebda non-conformance report maħruġ fil-konfront tas-soċjeta' appellanti minn IM u luffiċjali tal-ERA huma a konnoxxenza ta' dan.

2. Illi fil-fatt l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet fi Triq l-Imġarr is-soċjeta' appellanti ma qatet lebda siġra. Ix-xogħolijiet in kwistjoni kienu jinvolvu l-konnessjoni ta' storm water system minn Triq id-Dwejra għal mas-sistema l-ġdida li kienet għadha kemm ġiet installata fi Triq Ilmġarr. Iżidu jgħidu illi l-Bord ma ġab l-ebda prova tal-eżistenza tal-imsemmija siġar u lanqas nġabet prova li l-qerda saret permezz ta' kwalsiasi intervent li setgħet għamlet ssoċjeta' appellanti. Oltre dan, dawn l-arbuxelli kienu jinsabu f'lok abbandunat mingħajr kura ta' xejn u li fl-istess waqt kien hemm diversi xogħolijiet li kienu qiegħdin isiru anki minn kuntratturi oħra u li dawn setgħu mietu kemm mewta naturali kif ukoll minħabba interventi minn terzi.
Illi l-piena imposta mill-ERA hija waħda eċċessiva u sproporzjonata tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori filwaqt li ssir referenza ampja għassottomissjonijiet diġa magħmula fl-ewwel aggravju l-ERA kellha għażla ta' miżuri li setgħet tieħu fil-konfront tal-appellanti iżda din għażelt li tmur għat-triq l-aktar oneruża.

Illi b'risposta għar-rikors promotur, l-ERA tagħmel referenza għall-ewwel aggravju u ssostni illi lproċedura speċjali ai termini tal-Artikolu 80 u 81 tal-Kap. 549 ġiet imposta fuq l-appellanti minħabba li waqt l-ispezzjoni li għamlu l-uffiċjali tal-infurzar fi ħdan l-Awtroita' dakinhar stess li sar l-qlugħ taż-żewġ siġriet protetti bla permess l-uffiċjali tkellmu mas-Sur Joseph Desira li identifika ruħu bħala d-Direttur tal-Kumpanija u kkonferma li l-interventi fuq ssiġar protetti saru dakinhar stess filgħodu bħala parti mix-xogħolijiet infrastrutturali kkummissjonati minn Infrastructure Malta. Iżidu jgħid illi hekk kif ser jiġi ippruvat, ma kien hemm l-ebda permess sabiex isiru interventi fuq tali siġar protetti. Illi għaldaqstant lAwtorita' tisħaq illi hija mxiet b'mod korrett li imponiet multa amministrattiva fuq il-persuna li kisret d-dispożizzjonjiet tar-Regolamenti magħmul taht l-Att dwar l-Protezzjoni tal-Ambjent Artikolu 80(1).

Sussegwentament l-Awtorita' tagħmel referenza għat-tieni aggravju u tissottometti illi in kwantu ghall-multa, din hija fil-parametri tal-liġi u nħarget b'mod korrett u għandha tiġi kkonfermata. Illi hekk kif diġa ġie ċċitat l-multa inħarġet fuq l-appellanti għaliex kien propju d-Direttur tal-Kumpanija stess li ġie avvicinat mill-uffiċjali tal-infurzar fi ħdan l-Awtorita' dakinhar stess li saru l-interventi fuq s-siġar in kwistjoni u li kkonferma li s-soċjeta' appellanti qalgħet s-siġar in kwisjtoni bħala parti mix-xogħolijiet infrastruttuali. F'dan laggravju l-Awtorita' tindirizza l-argumenti imqajjma dwar nuqqas ta' provi. Illi b'rabta massuepost l-Awtorita' tagħmel referenza għar-

Regolamenti 13 u 14 tal-L.S.549.123 u tirrileva illi sabiex isiru interventi fuq siġar protetti wieħed jirikjedi jottjeni permess mingħand lAwtorita'. Illi ikunu eċċezzjonijiet kkontemplati fil-liġi fejn mhemmx bżonn ta' permess tal-Awtorita' u dana f'każ ta' żbir ta siġar imkabbra b'mod ortikulturali hekk kif indikat firRegolament 15 tal-A.L. 549.123 pero dan mux applikabbli għal każ odjern. Finalment u b'rabta al-penali, l-Awtorita' tgħid illi din hija fil-parametri tal-liġi indikati fil-paragrafu u tabella (i) tar-Raba Skeda tal-L.S. 549.123. Il-multa hija kkalkulata fuq 75% tal-multa minima tal-qerda totali tas-siġar.

Illi partecipi fl-appell hemm Infastructure Malta (IM), fejn fir-risposta taghha sostniet illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' appellanti, IInfrastructure Malta fl-ebda punt ma tat direzzjoni lill-istess soċjeta sabiex tneħħi jew teqred s-siġar in deżamina. Anzi żżid tgħid illi saħansitra għamlet talba espressa lill-Awtroita' kkonċernata sabiex isir intervent fuq ċerta siġar li kienu jinsabu fiż-żona fejn saru x-xogħolijiet mertu tal-proċeduri odjerni. Oltre dan, Infrastructure Malta tissotolineja illi li kienu kellha tirrikjedi li jsir intervent fuq dawn iż-żewġ siġriet hija kient sempliċiment tagħmel talba għall-ħruġ ta' permess u timxi malproċedura legalment korretta. Illi b'rabta mat-tieni aggravju, Infrastructure Malta ssostni illi m'għandha xejn xi żżid u baqet iżżomm ferm ma' dak mgħadud fl-ewwel aggravju u ċioe' illi hija ma kellha l-ebda rwol fid-deċiżjoni sabiex s-siġar jiġu meqruda. Tant hu hekk illi hi ma għanda l-eba informazzjoni rigward min setgħa kien il-persuna responsabbli ta' dan linċident.

Illi permezz ta' nota ġie sottmess affidavit ġuramentat tas-Sur Joseph Desira, d-Direttur u azzjonist tas-soċjeta' appellanti, fejn huwa qal illi l-istruzzjonijiet u direttivi tagħhom kienu jiġu kollha mingħand Infrastructure Malta, u li huma kontratwalment marbutin isegwu dawn d-direttivi u struzzjonijiet u x-xogħol irrid issir a sodisfazzjoni tal-Contracting Authority, f'dan il-każ Infrastructure Malta .. Iżid jgħid illi x-xogħol ilu lest mill-2021 u sa dakinhar talaffidavit ma nħareġ l-ebda non-conformance report fil-konfront tagħhom. Jgħid illi meta bdew ix-xogħol jew waqt l-andament tax-xogħol, fl-ebda ħin ma kien xi rappreżentant ta' IM, Periti jew Site Officer illi nfurmahom li ser jinħarġu xi permessi rigward xi siġar protetti li kien hemm fuq s-sit u lanqas biss infurmawhom illi kien hemm preżenza ta' xi siġar protetti, u li kemm ilu jaħdem dan ix-xogħol, il-prassi u l-kundizzjonijiet kienu dejjem dawk li lcontracting authority tieħu ħsieb toħroġ l-permessi kollha neċessarji. Jispjega li x-xogħol taghhom kien relatat mal-konnessjoni ta' storm water system, u jisħaq illi x-xogħol ġewwa din iż-żona kien estensiv ħafna u li kien hemm diversi kuntratturi jaħdmu, b'hekk jekk vera kienu preżenti dawn s-siġar protetti, dawn setgħu inqalgħu minn ħaddiehor. Iżid jgħid illi huwa jiċħad illi għamlu qerda ta ebda siġra matul il-kors tax-xogħolijiet.

Illi permezz ta' nota tal-Awtorita' gew sottomessi tlett affidavits ġuramentati ossia dawk li saru mis-Sur Johnathan Henwood, s-Sa. Grazella Tabone u s-Sur Jacques Azzopardi prodotti mill-Awtorita'.

Illi permezz tal-affidavit tiegħu s-Sur Henwood qal illi huwa personalment ra dawn l-ispeċi ta' siġar u li dawn fil-fatt kienu ġew imħawwla minn Dr. Charles F Grech l'fuq minn għaxar snin ilu. Jgħid illi din hija speċi rari u li hija kkunsidrata fil-perikolu illi tintilef, u li filkapaċita' tiegħu bħala Team Manager responsabbili mill-ipproċċessar tal-permessi b'rabta ma' siġar protetti, qatt ma rċevew l-ebda talba bil-fomm jew bil-miktub għall-intervent fuq dawn is-siġar. Oltre dan, ma ġie rintraċċat l-ebda permess tal-ERA.

Illi permezz tal-affidavit tagħha s-Sa. Graziella Tabone, Environment Protection Officer, tirrileva illi hija marret fuq l-post fejn sar l-inċident wara illi kienet irċeviet rapport flimkien ma kollega tagħha. Illi meta saqsiet min kien l-persuna responsabbli mix-xogħolijiet, wieġeb s-Sur Joseph Desira u kkonferma li kien hu u nies fil-kumpanija tiegħu li qala s-siġar. Meta ġie mgħarraf illi dan l-intervent kien jeħtieġ permess huwa qal li ma kienx xogħol li setgħa jistenna għal permessi u hu ntalab jagħmel x-xogħol minn Infrastructure Malta, partikolarment l-Perit Rebecca u l-Perit Noel Vella. Fl-affidavit s-Sa. Tabone tiddikjara ukoll illi fuq s-sit kien hemm s-sid tal-kumpanija T&C Ciappara Company Ltd. li identifika lilu nnifsu bħala Anthony Ciappara pero ma kellux x'jaqsam ma' dik l-istess sit fejn saru linterventi fuq ż-żafżafa. Hija żżid tgħid illi bgħatet korrispondenza lil IM dwar dan kollu u nhar it-12 ta' Novembru 2021wieġeb l-Perit Raphael Abdilla għal IM u kkonferma li IM huwa s-sid tal-proġett pero ma nħareġ l-ebda istruzzjonijiet bil-kitba, verbalment jew b'xi mod ieħor sabiex jitwettqu interventi fuq s-siġar. In sosten, ma' dan ġew sottomessi korrispondenzi bejn l-ERA u l- Infrastructure Malta.

Illi permezz tal-affidvit s-Sur Jacques Azzopardi, Environment Protection Officer iddikjara illi huwa kien il-kollega tas-Sa. Graziella Tabone waqt l-ispezzjoni fuq is-sit u kien involut f'dan il-każ bl-istess mod illi kienet involuta hija u jikkonferma l-fatti hekk kif spjegati fl-affidavit tagħha.

Illi permezz ta' nota ġie ippreżentat l-affidavit ġurament tal-Perit Rebecca Grech, għan-nom ta' IM fejn hija ddikjart illi l-kuntratt għal diversi xogħolijiet fosthom dak fuq s-sit odjern kien sar bejn Infrastructure Malta u T&C Ciappara Construction Co. Ltd. Pero l-kuntrattur imbagħad qabbad sub-contractor u ċioe' Road Maintenance Services Ltd. Isostni illi ai termini tal-kuntratt kien l-kuntrattur responsabbli illi jottjeni l-permess neċessarji. Sussegwentament tinsisti illi Infrastructure Malta qatt ma istruwit li jitneħħew xi tip ta' veġetazzjoni iżda l-istruzzjonijiet kienu marbuta mal-culvert. Finalment jiġi mgħadud ukoll illi Infrastructure Malta waqt dan il-proġett, pero f'żona differenti, kienet hi stess li ssottomettiet applikazzjoni mal-ERA dwar siġar oħra u li dawn huma mhemuża fl-affidavit.

Illi waqt is-seduta datata 18 ta' Ġunju 2024, xhedet taħt ġurament l-Perit Rebecca Grech, rappreżentant tal-IM prodott mis-soċjeta' appellanti. Il-Perit tikkonferma illi IM qatt ma tat istruzzjonijiet sabiex jitneħħew xi siġar. Is-

soċjeta appellanti pero għamlu referenza għal dikjarazzjoni fl-affidavit illi l-istruzzjonijeit kienu sabiex jagħmlu "culvert functionable". Illi wara illi ġie spjegat x'inhu culvert hija qalet illi l-culverts kienu eżistenti u li permezz talproposta kienu qiegħdin jinbnew l-catchments. In oltre tirrileva illi sabiex culvert ikun funzjonabbli dan m'għandux ikollu materjal li qiegħed jimblukkah, u li fil-każ odjern dan kien relatat ma' materjal tal-kostruzzjonji. Is-soċejta' appellanta tagħmel referenza għal dokument illi ma kienx anness fl-affidavit fejn kien ġie ddikjart illi l-culvert kien "packed with silt and in which was overgrown vegetation" Sussegwentment pero, l-Perit qalet illi mill-ispezzjonijiet illi hija kienet tagħmel ma jidirx illi kien hemm veġetazzjoni iżda biss minn materjali tal-kostruzzjoni u possibilment silt. Jingħad ukoll illi x-xogħolijiet oltre l-istruzzjoni tat-tindif tal-culvert kienu jirrigwardaw il-konnessjoni bejn l-culvert u l-catchment u li lkonnesjoni bejniethom hija gradilja miftuħa flash level mal-livell tat-triq.

Illi fin-nota ta' sottomisjonijiet finali ta' IM, b'rabta mat-tieni aggravju iżżid tgħid illi millaffidavit tal-Perit Rebecca Grech huwa ċar illi kienet r-responsabbilita' assoluta tal-istess kuntratturi li huma jaraw li jottenu kull forma ta' permess jew awtorizazzjoni millAwtoritajiet kkonċernati sabiex x-xogħol minnhom imwettaq issir skont il-liġi. Oltre, minn konjizzjoni tal-affiadivat tal-uffiċjal tal-ERA, kien s-Sur Joseph Desira stess illi ammetta masSa. Graziella Tabone li kien huwa li qala s-siġar. Iżidu jgħidu illi l-argument illi kien imdorri li l-Contracting Authority tapplika għal kwalsiasi permessi ma fih l-ebda piż. Illi di piu jisħaq illi fejn l-IM kienet konsapevoli ta' siġar protetti kienet hi stess li applikat għal dawn ilpermessi anke jekk hija ma kellha l-ebda obbligu kuntrattwali li tagħmel dan. Finalment jagħmel referenza għax-xhieda u jirrielva illi għalkemm l-istruzzjonijeit kienu "to render the culvert functionable" bl-ebda mod ma tista tiġi nterpretata illi għandhon jinqlaw siġar protetti.

Illi permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet finali, s-soċejta' appellanta, ssostni illi f'dawn ilproċeduri Infrastructure Malta biddlet l-verżjonijiet tagħha bl-ewwel email tgħid illi ma kienx hemm xogħolijiet fejn allegatament nqerdu s-siġar u mbagħad tgħid illi tat struzzjonijeit sabiex ikun jitnaddaf l-culvert u jiġi "functionable" u dan b'mod loġiku kien ifisser illi s-silt u veġetazzjoni fil-culvert jitneħħew. Iżidu jgħidu illi d-dikjarazzjoni tas-Sur Desira illi f'kemm ilu f'dan ix-xogħol, dejjem kienet tkun il-Contracting Authority illi tapplika ghal-permessi, awtorizazzjonijiet u clearance, u li dan ġie kkonfermat f'żewġ istanzi flemails bejn is-Sur Paul Zammit u l-Perit Abdilla u kif ukoll mill-minuti sottomessi malaffidavit tal-Perit Grech. Illi għaldaqstant jinnutaw illi l- Infrastructure Malta provdew verżjonijiet konfliġġenti u li l-verżjoni tas-Sur Desira hija veritiera. L-appellanti jikkrejaw dubji dwar l-eżistenza tad-siġar u x'evidenza hemm dwar is-siġar, fejn kienu miżrugħa, jekk huwx verament li nqatlu jew jekk dawn kinux għandhom ħajjin. Jgħidu ukoll illi fost r-ritratti li hemm anness hemm referenza għal Area 2 u li dawn il-proċeduri m'għandhom l-ebda konnessjoni ma' Area 2 għaliex dan kien sit ieħor inkarigat minn kuntrattur ieħor u għaldaqstant bla relevanza għal każ odjern. Finalment l-appellanti jgħidu ukoll sar ksur proċedurali ta' smiegħ xieraq stante illi għandu mhux mgħaruf l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-ERA li tirrenti effettivament l-penali amministrattiva. L-ERA illimitat ruha li tagħti d-dritt lis-soċjeta' tagħmel sottomissjoni tagħha mingħajr ma din ingħatat l-opportunita' li teżamina l-provi miġbura mill-ERA u tiddefendi ruħa qabel l-ħruġ tal-multa.

Illi permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet finali, l-Awtorita' b'rabta mad-dubju imqajjem flaħħar sottomissjoni, tgħid illi ż-żewġ uffijċali ikkonfermaw l-eżistenza ta' dawn s-siġar, u oltre dan ġew anke sottomessi ritratti. In sosten ma' dan ġie anke prodott affidavit tas-Sur Henwood fejn iddikjara illi dawn is-siġar ġew miżrugħa minn Dr. Charles F. Grech f'din illokazzjoni. Illi dan kollu ma ġie kkontestatx, anzi saret ammissjoni mis-Sur Desira stess lli kien hemm xi arbuxelli fil-ġenb ta' triq u li dawn l-istess arbuxelli kienu dawn s-siġar protetti. Hawnhekk l-Awtorita' tfakkar illi fl-affidavit tas-Sa. Tabone hija ddikjart illi s-Sur Desira kkonferma illi huwa qala s-siġar. Illi b'rabta man-nuqqas ta' smiegħ xieraq, l-Awtorita' tgħid illi dawn huwa frivolu u dana għal fatt illi dan il-punt qatt ma tqajjem fil-mori u għaldaqstant dan għandu jiġi skrtat ab initio. Pero apparti dan, l-Awtorita' tisħaq illi lappellanti kellhom kull dritt li teżamina l-provi prodotti mill-Awtorita' u twettaq kontroeżamijiet.

Illi dan it-Tribunal ħa konjizzjoni tal-inkartament tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;
Ikkunsidra
Illi qabel ma jidħol fil-mertu t-Tribunal jirrileva illi fis-sottomissjonijiet finali s-socjeta' appellanti jargumentaw illi kien hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-konfront tagħhom. Hawnhekk t-Tribunal jaqbel mal-Awtorita' u jikkonferma illi dan l-argument ma kienx parti mill-aggravij fir-rikors promotur u lanqas sar aċċen għalih fl-ebda sottomissjoni fil-mori għajr fis-sottomissjonijiet finali. Illi fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jastejni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-argument.

L-Ewwel Aggravju
Illi permezz tal-ewwel aggravju, s-soċejta' appellanti b'mod ewlieni targumenta li l-multa illi ġiet imposta ma kelliex tiġi ndirizzata lilhom, iżda lil Infrastructure Malta (IM). Dan laggravju fil-fatt huwa msejjes fuq is-segwenti:

- ir-responsabbilita' hija waħda ben stabbilita u li taqa taħt Infrastructure Malta (IM), inkluz l-obbligu li jigu ottenuti l-permessi neċċessarji ma kinitx tal-kuntrattur;
- huma qed jaġixxi fuq struzzjonijiet ta' IM u skont l-obligazzjoni kontrattwali
- ma ġie maħħuġ ebda non-conformance report minn IM

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal josserva li s-soċjeta' appellanta in parti tikkontesta l-eżistenza tassiġar in kwistjoni, u l-kundizzjoni tal-istess siġar qabel ma ġew maqlugħa, iżda dawn huma kwistjonijiet li speċifikament huma soġġett għat-tieni aggravju u b'hekk ser jiġu meqjusa aktar tard taħt l-imsemmi aggravju.

Illi fit-tieni lok it-Tribunal josserva illi fl-affidavit tagħha l-Perit Grech għal Infrastructure Malta ġie ddikjarat illi s-soċjeta' appellanta u ċioe' l-kumpanija Road Maintenance Services Ltd. ġiet imqabbda bħala sub-contractor ta' T&C Ciappara Construction Co. Ltd. wara li dan talaħħar ġie mgħoti x-xogħolijiet ta' "Road widening and upgrading works including Services of the Southern Part (Part CD) of Triq Sir Temi Zammit. Mgarr" ikkummisjonati minn IM, b'kopja ta' parti minn dan il-kuntratt kien anness mal-affidavit. Illi fi kliem s-Sur Desira stess, permezz tal-affidavit sottomess fil-mori, huwa jiddikjara li x-xogħol tal-kumapanija tiegħu, Road Maintenace Services Ltd. kien limitat mill-konnessjoni ta' storm water system minn Triq d-Dwejra għal mas-sistema l-ġdida li kienet għadha kemm ġiet installata fi Triq Ilmġarr u ċioe' l-istess toroq fejn ġew identifkati iz-zewg sigriet mertu ta' dan l-appell.
Illi s-Sur Desira li huwa d-Direttur tal-Kumpanija qed jargumenta li kemm ilu jaħdem f'dan ix-xogħol, dejjem kienet l-Contracting Authority li tapplika għall-permessi, u b'sostenn ghal dan b'referenza ghall-affidavit tas-Sa. Tabone tal-ERA, jindika li dan ma kienx xogħol li setgħa jistenna għall-permessi u li hu ntalab jagħmel ix-xogħol fit-Triq minn IM fuq listruzzjonijiet tal-Periti Grech u Noel Vella ta' IM. Jisħaq li għalkemm IM baqet ssostni illi kellu jkun il-kuntrattur li japplika għall-permessi, fl-affidavit tagħha l-Perit Grech kkonfermat dak li qal huwa stess stante li sottomettiet minute logs ta' applikazzjonijiet sottomessi minn IM lil ERA ghal talba ta' permessi ghal interventi fuq siġar. Iżid jgħid ukoll li IM ma ħarġet l-ebda notifika ta' non-conformance u għaldaqstant bħal donnu jisħaq li xxogħol li sar kien in linea mal-istruzzjonijiet ta' IM stess.
Illi min-naħa tal-ERA, jirriżulta li nhar l-11 ta' Novembru 2021 s-Sa. Tabone bgħatet email lil IM indirizzata lil diversi persuni fosthom l-Periti Rebecca Grech u Noel Vella. It-Tribunal jikkonferma illi minn konjizzjoni ta' kopja ta' din l-email li ġiet esebitta mal-affidavit, IM ġiet mitluba tikkonferma jekk dan ix-xogħol ġiex ikkonfermat minn IM. L-għada wigeb il-Perit Abdilla u filwaqt illi kkonferma li s-sid tal-proġett kien IM pero "no one from IM has instructed in writing, verbally or otherwise any intervention on trees/ shrubs within the indicated area". Fl-email huwa hemeż pjanta sabiex jenfazizza illi ma kien hemm l-ebda xogħol illi jirigwarda minn intervent fuq veġetazzjoni eżistenti fuq is-sit in kwistjoni. Pero b'risposta għal din l-email, dakinhar stess, s-Sur Paul Zammit, s-supervisor tas-Sa. Tabone bgħat l-Perit Abdilla fejn irrimarkalu illi l-pjanta ma tispecifikax xogholijiet fiz-zona indikata Area1 u talbu jikkonferma jekk IM hijiex responsabbli ghax-xogholijiet imsemmija fiż-żewġ żoni Area 1 u Area 2. It-Tribunal jinnota illi t-tweġiba tal-IM datata nhar t-8 ta' Frar 2022, ikkonferma għal darb'oħra illi IM ma tat l-ebda istruzzjonijiet sabiex jitneħħew s-siġar pero ġie kjarifikat illi fiz-zona Area 1 kien hemm culvert miftuħ mimli slit u overgrown vegetation u IM tat istruzzjonijiet "to render the culvert functionable" pero qatt ma qalet lil kuntrattur jnehhi l-veġetazzjoni. Anzi jirrileva illi li kieku IM kellha xi tip ta' intenzjoni illi tintervjeni fuq siġar kienet titlob permess hekk kif kienet għamlet fuq siġar oħrajn. B'risposta għal dan fl-aħħar nota ta' sottomissjonijiet finali l-appellanti isostnu illi IM tat verżjonijiet differenti u li b'mod logiku ladarba ntalab li l-culvert ġie funzjonabbli u ċioe' mnaddaf, dan kien ifisser ttneħħija tal-veġetazzjoni. Madankollu jibqa l-fatt illi IM baqat isostni illi hija qatt ma tat istruzzjonijiet verbali, bil-miktub jew b'xi mod ieħor sabiex jitneħħew s-siġar/ veġetazzjoni.
It-Tribunal jinnota illi min-naħa tiegħu l-appellant qatt ma pprovda xi tip ta' evidenza li kienu fil-fatt IM li tawh istruzzjonijiet sabiex jaqla s-siġar. It-Tribunal hawnhekk jagħmel referenza għall-pjanta fejn ġew indikati ż-żoni Area 1 u Area 2 mill-Awtoria' speċifikament mis-Sur Paul Zammit pero kemm mill-affidavit tas-Sa. Tabone u kif ukoll mill-email tagħha lil IM jihder illi l-inċident sar fl-Area 1 u li Area 2 mhux relevanti għal każ odjern.
It-Tribunal josserva wkoll li skont il-paragrafu subinċiż 31.1 tal-Artikolu 31: Commencement date tal-kuntratt anness mal-affidavit tal-Perit Grech ta' IM, hemm elenkat klawsola li: "The Provider is responsible to obtain, and as part of, any necessary permits within the delivery period of the Special Contracts.".
Illi fid-dawl tas-surreferit, jirrizulta li meta saret l-ispezzjoni, s-Sur Desira li huwa d-Direttur tal-kumpanija appellanti kien il-persuna fuq l-post u identifika ruħu bħal l-persuna nkarigat illi jagħmel x-xogħolijiet. Jirrizulta wkoll li l-Awtorita' segwiet dak li qal l-appellant stess, izda minn serje ta' korrispondenzi ma rriżultax li kienet IM tat xi istruzzjonijiet għal qerda tas-siġar. B'hekk l-ERA ma kellix triq oħra għajr illi tipprocedit billi timmultata l-kumpanija Road Maintentance Services Ltd.
Illi fi kwalunkwe każ, l-argumenti mressqa mill-appellanti dwar ir-responsabbilita' ta' min japplika ghall-permessi neccessarji u l-obbligi kontrattwali bejn l-appellanti u IM bla ebda mod ma' jirrigwardaw il-kwistjoni in mertu, ossia l-impozizzjoni ta' multa minhabba l-qerda totali ta' żewġ sigriet protetti. Lanqas ma' huwa relevanti l-argumenta li ma gie mahrug ebda non-conformance report minn IM, ghaliex l-Awtorita responsabbli mill-protezzjoni talambjent inkluż is-siġar hija l-ERA li imponiet il-multa in kwistjoni, u mhux IM. Oltre minn hekk, l-argumenti tal-appellant imsejjsa fuq il-fthiem u l-obbligi kontrattwali ma' IM huma ta' natura ċivili li jmorru oltre mill-mansjoni ta' dan it-Tribunal. B'hekk dan kollu qed jinghad bla ebda pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet civili li l-appellanti jista jkollhom.
Għal dawn il-mottivi t-Tribunal qiegħed jiċħad l-ewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju
Illi permezz tat-tieni aggravju, s-soċejta' appellanta targumenta illi l-Bord ma ġab l-ebda prova tal-eżistenza tal-imsemmija siġar u lanqas nġabet prova li l-qerda saret permezz ta' kwalsiasi intervent li setgħet għamlet s-soċjeta' appellanti. Oltre dan, dawn l-arbuxelli kienu jinsabu f'lok abbandunat mingħajr kura ta' xejn u li fl-istess waqt kien hemm diversi xogħolijiet li kienu qiegħdin isiru anki minn kuntratturi ohra u li dawn setgħu mietu kemm mewta naturali kif ukoll minħabba interventi minn terzi. Iżidu jgħidu illi l-piena imposta millERA hija waħda eċċessiva u sproporzjonata tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori filwaqt li ssir referenza ampja għas-sottomissjonijiet diġa magħmula fl-ewwel aggravju l-ERA kellha għażla ta' miżuri li setgħet tieħu fil-konfront tal-appellanti iżda din għażelt li tmur għat-triq l-aktar oneruża.

It-Tribunal jibda billi jmur lura għal nhar l-10 ta' Novembru 2021, meta l-Awtorita' irċeviet rapport illi għal ħabta tal-11.00 ta' filgħodu f'sit kantuniera bejn Triq id-Dwejra u Triq Ilmġarr sar intervent li permezz tiegħu nqerdu totalment żewġ siġar protetti; ż-Żafżafa żgħira u ż-Żafżafa l-bajda mingħajr l-ebda pemess u dana bi ksur tar-Regolament 13 u 14 talL.S. 549.123. It-Tribunal ħa konjizzjoni ta' tali regolamenti li jelenkaw s-segwenti:
13. L-ebda persuna ma tista' twettaq jew tippermetti li titwettaq kwalunkwe attività li fl-opinjoni tal-Awtorità tista' tkun ta' ħsara għal kwalunkwe siġra protetta sakemm ma tkunx permessa mill-Awtorità.
14. Ebda persuna ma tista', ħlief bil-permess minn qabel tal-Awtorità, twaqqa', taqta', tneħħil-qoxra taz-zokk tas-siġra jew il-weraq tagħha, taqla', tneħħi l-injam minn, tiżbor iżżejjed, tivvelena, taħraq, twaħħal ma', ittaqqab, tisserra jew bi kwalunkwe mod teqred jew toqtol, timmutila, tiddistabilizza jew tagħmel ħsara sinifikanti, lil kwalunkwe siġra protetta jew partijiet minnha. [Enfażi miżjuda]
Illi b'rabta ma' dak appenna ċċitat u hekk kif joħroġ mill-affidavit tal-ufficjali tal-ERA s-Sa. Tabone u s-Sur Azzopaprdi, malli dahal dan r-rapport huma marru minnufih fuq l-post u kkonfermaw illi fil-fatt fost l-weraq u zkuk kien hemm speċi ta' siġar protetti skont l-L.S. 549.123.
Illi l-appellanti jqajjmu dubju dwar l-eżistenza ta' dawn s-siġar, u f'dan ir-rigward it-Tribunal josserva illi l-ERA l-entita' regolatorja tal-Kap. 459 u hija l-Awtorita responsabbbli millprotezzjoni tal-ambjenti. Apparti minn hekk, ghalkemm l-appellanti jattentaw iqajjmu dubju dwar l-ezistenza ta' dawn is-sigar protetti, ma' pprezentaw l-ebda provi, filwaqt li l-ERA, anke permezz tal-affdavits tal-ufficjali taghha, pprezentat ritratti ta' dawn s-sigar dakinhar tal-inspezzjoni. It-Tribunal josserva li fl-ebda waqt ma gie kkontestat li dak li jidher firritratti huwa xi forma ta' sigar differenti minn dak li ghalijhom giet mahruga l-multa in kwistjoni. Oltre dan, gie pprezentat ukoll affidavit ġurament mis-Sur Henwood fejn iddikjara illi dawn s-sigar gew mizruha madwar ghaxar snin ilu minn Dr. Charles F. Grech. ItTribunal, b'referenza għan-nota ta' sottomissjiet finali jaghmel referenza għall-argument fejn jiġi sostnut mill-appellant illi ma jirriżultax li kien hemm dawn ż-żewġ sigriet li għandhom aktar minn 10 snin iżda minn "bush" li kienet tidher niexfa. Min-naha taghha lERA ssostni illi l-arbuxelli imsemmija fl-affidavit tas-Sur Desira huma l-istess "bush" imsemmija fl-aħħar nota ta' sottomissjonijiet finali u li għaldaqstant din hija ammissjoni li dawn propju kienu jeżistu.
Illi minn analizi tal-affidavit tas-Sa. Tabone, uffiċjal tal-ERA tgħid illi s-Sur Desira, d-Direttur tal-Kumpanija kkonferma li s-siġar li kien hemm inqalgħu minnu iktar kmieni dakinhar stess. Pero minn konjizzjoni tal-affidavit tiegħu s-Sur Desira jgħid "ničħad li aħna [il-kumpanija Road Services Ltd.] għamilna qerda ta' ebda siġra matul l-kors tax-xogholijiet." Jgħid illi kien hemm xi arbuxxelli fil-ġenb ta' triq pero jisħaq illi din iż-żona ma tingħata l-ebda kura, attenzjoni jew tisqija lil ftit sigar u jinsisti illi ma jiġixi eskluż li fil-fatt s-siġar protetti mietu mewta naturali. It-Tribunal iqis dan l-argument tal-appellanti dwar il-kundizzjoni tas-sigar bhala wiehed frivolu, kemm ghaliex dan biss allegazzjoni minghajr provi, kif ukoll ghaliex dan bla ebda mod ma' jbiddel il-fatt li dawn huma sigar protetti. Hawnhekk t-Tribunal jagħmel referenenza ghar-ritratt indikat GT01 fl-affidavit tas-Sa. Tabone u jirrimarka illi ma jirizultax illi dawn is-siġar mietu mewta naturali kif allegat mis-Sur Desira anke ghaliex mirritratti prezentati mill-Awtorita dakinhar li rrapurtaw tli nqalaw dawn kien ghadhom mimlija weraq hodor.
Illi s-Sur Desira fl-affidavit qed jiddikjara wkoll li x-xogħol f'dik iż-żona kien wieħed estensiv ħafna u kien hemm diversi kuntratturi, u għaldaqstant jekk sar xi danu fuq xi siġar, dan seta faċilment minn ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu.. It-Tribunal madankollu jissotolineja illi fejn sar l-inċident huwa propju fil-kantuniera bejn Triq d-Dwejra u Triq l-Mġarr, ossia fejn lkumpanija Road Services Ltd. kienet kkumissjonata tagħmel x-xogħolijiet , b'dana joħrog mill-para nru.9 fl-affidavit tas-Sur Desira.
Ikkunsidrat dan kollu, u fl-assenza ta' provi fil-kuntrarju, fuq bażi ta' probabilita, dan juri li t-tqaċċit ta' dawn is-siġar protetti sar mill-kumpanija appellanta.
Illi dwar il-valur tal-multa imposta, l-Awtorita' tagħmel referenza għar-raba skeda tal-L.S. 549.123 u tirrileva li l-multa ġiet imposta skont tali skeda. F'din l-iskeda wieħed jistgħa issib illi lminimu tal-multa jekk ikun hemm qerda totali ta' siġra bħal dik tal-każ odjern; Żafżafa żgħira (Salix pedicellate) u Żafżafa l-bajda (Salix alba s.l.) huwa ta' €25,000 filwaqt li lmasismu huwa dak ta' €85,000. Illi fil-kaz odjern l-Awroita' sostniet illi l-multa mposta hija 75% tal-minimu u ċioe' 75% ta' €25,000 li jammonta ghal €18,750 għal kull siġra.
Illi dan ifisser li l-valur tal-multa imposta ma jaqbizx dak indikat fil-ligi ghaliex dan huwa sahansitra inqas mill-minimu indikat fir-raba' iskeda tal-L.S. 549.123. It-Tribunal josserva wkoll li filwaqt li lERA ma' tatx spjega dwar ir-raguni l-ghaliex il-multa mposta hija inqas mill-minimu stabbilit bil-liġi, dan jidher li sar fl-ambitu ta' ragjonevolezza ghaliex filwaqt li s-sigar in kwistjoni huma protetti, dawn kellhom biss madwar 10 snin, u b'hekk il-valur tal-multa jirrifletti ċ-ċirkostanzi fattwali talkaż. Dan huwa propju kuntrarju ghal dak li jargumentaw l-appellanti meta sostenew illi lERA għażlet li tmur ghat-triq l-aktar oneruża, filwaqt li l-istess appellanti naqsu milli jindikaw liema kienu l-miżuri ohra li l-ERA setgħet tieħu fil-konfront tagħhom l-Aworita'.
Għal dawn il-mottivi t-Tribunal qiegħed jiċħad t-tieni aggravju.

Decide:
Fl-isfond ta' dan kollu u wara illi t-Tribunal ħa konjizzjoni tal-fatti speċi kollha, it-Tribunal qed jiċħad l-appell.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal naqas li jqis l-effetti legali tal-fatt li Infrastructure Malta hi l-project owner u ghalhekk kull responsabilta in konnessjoni mal-progett hi taghha bi dritt ta' rivalsa kontra terzi. Is-socjeta appellanti hi l-kuntrattur u ghalhekk mandatarja tal-Awtorita cioe Infrastructure Malta billi tagixxi fuq struzzjonijiet taghha;
2. Is-socjeta appellanti qajmet il-kwistjoni li d-decizjoni tal-ERA hi nieqsa mill-motivazzjoni u t-Tribunal ma qiesx din il-kwistjoni. L-ERA mhix Tribunal indipendenti u ghalkemm is-socjeta appellanti mitluba biex taghmel sottomissjonijiet minghajr jedd biex tressaq provi jew tkun taf il-verzjoni ta' Infrastructure Malta dan wassal ghal ksur effettiv u l-multa giet imposta minn awtorita amministrattiva li mhix imparzjali. Waqt is-smigh quddiem it-Tribunal l-appellanti giet a konoxxenza tal-iskambji li saru bejn l-ERA u Infrastructure Malta minghajr ma inghatat l-opportunita li tiddefendi ruhha. It-Tribunal injora dan il-ksur. L-appellanti taghmel referenza ghal gurisprudenza fuq in-natura ta' tali multi amministrattivi li huma ta' xilja penali u n-nuqqas ta' parita ta' armi fil-process, is-severita tal-piena, u l-prova applikabbli fil-kamp penali 'beyond reasonable doubt', u mhux konvinzjoni morali tal-gudikant.

**L-ewwel aggravju**

Tghid hazin l-appellanti li r-responsabilta li ghal dak li allegatament sehh hi ta' Infrastructure Malta bhala project manager. Dan mhux kaz ta' responsabilta civili kemm delitwali jew kuntrattwali. Hi responsabilta li tohrog direttament minn ligi specifika. Il-Legislazzjoni Sussisdjarja 549.123 titfa' responsabilta diretta fuq il-persuna li taghmel hsara jew teqred sigra protetta. L-ERA imponiet il-multa ghax fil-fehma taghha l-hsara giet kommessa mis-socjeta appellanti jew persuna taht il-kontroll taghha. Kull ftehim jew responsabilta civili ohra li tista tinsab bhala konsegwenza tal-fatti li wasslu ghas-sejbien ta' responsabilta diretta tas-socjeta appellanti mill-ksur tal-ligi sussidjarja tmur lil hinn minn kull konsiderazzjoni legali li jista' jsir fil-limiti tal-vertenza quddiem din il-Qorti.

L-aggravju hu michud.

**It-tieni aggravju**

Safejn dan l-aggravju hu dwar ksur ta' dritt ghas-smigh xieraq konsistenti f'parita ta' armi, ksur tad-dritt li s-socjeta appellanti tressaq provi quddiem l-ERA, u tkun taf il-

verzjoni ta' Infrastructure Malta kif ukoll li l-multa hi ta' natura penali fejn is-sejbien ta' responsabilta trid tkun lil hin minn kull dubju u fejn il-multa imposta hi minn awtorita mhux imparzjali ma humiex aggravji li tressqu quddiem it-Tribunal. Quddiem din il-Qorti l-appellanti ziedu wkoll argumenti rigward in-natura tal-multa amministrattiva. Hi gurisprudenza stabbilita li t-Tribunal iqis biss aggravji li tressqu fl-appell u mhux dawk li jitqajmu f'nota ta' osservazzjonijiet. Iktar u iktar ma jistghux jitqajjmu aggravji b'zieda fl-appell quddiem din il-Qorti. Is-socjeta appellanti ma hassitx li kellha nuqqas ta' smigh xieraq jew li gew lezi xi drittijiet taghha meta ressqet l-appell quddiem it-Tribunal tant li qajmet il-kwistjoni tar-relazzjoni li kien hemm bejnha u Infrastructure Malta u sostniet li hi agixxiet skont l-obbligazzjonijiet kuntrattwali li kellha ma' Infrastructure Malta u li ebda non conformance ma sar fil-konfront taghha minn Infrastructure Malta. Ziedet ukoll li ma kienx hemm prova li kienet is-socjeta appellanti li ikkommettiet il-hsara allegata u f'kull kaz il-piena hi sproporzjonata ghal hsara li saret. Hu car illi l-ilmenti quddiem it-Tribunal kienu dwar il-mertu mhux il-procedura jew l-anti kostituzzjonalita tal-process li ittiehed.

Ghalhekk din il-parti tal-aggravju mhix ser tigi ikkunsidrata.

Jibqa' l-kwistjoni mqajma li d-decizjoni tal-ERA hi nieqsa minn motivazzjoni. Din ukoll ma tqajmitx quddiem it-Tribunal. Madankollu il-motivazzjoni tal-ERA ghas-sejbien ta' responsabilta strahet fuq il-provi li kellha u li wasluha biex tqis li kienet is-socjeta appellanti jew persuna mqabbda minnha li ghamlu l-hsara. Madankollu il-kwistjoni giet kunsidrata fid-dettall mit-Tribunal meta qies jekk il-provi jwaslux ghal sejbien ta' responsabilta tas-socjeta appellanti. Din il-Qorti ma ghandhiex il-vires tiddisturba l-apprezzament tal-provi fattwali mandankollu tqis illi t-Tribunal dahal fid-dettall dwar il-provi mressqa u ikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-ERA li mill-provi irrizulta li l-hsara saret mis-socjeta appellanti.

Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud u billi ma sar ebda appell minn partijiet ohra tad-decizjoni tat-Tribunal l-appell qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Road Maintenance Services Limited u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Dicembru 2024. Spejjez ghall-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur